MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2003

Avviz Numru. 329/2003

**U.C.I.M. Co. Ltd.**

**vs**

**Doreen Mifsud u zewgha
Andrew Mifsud**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' elfejn mitejn u tletin Lira Maltin (LM2230) rappresentanti import ta' sbatax (17) il-kambjala, wahda ta' mija u wiehed u ghoxrin Lira Maltin (Lm121) (bilanc), hmistax (15) ta' mija u tlieta u tletin Lira Maltin (Lm133)-il wahda u**

**wahda ta’ mija u erbatax-il Lira Maltin (Lm114), debitament accettati u skaduti minn Dicembru tas-sena 2001 sa April tas-sena 2003 rispettivament u mhux imhallsa, hawn annessi bhala dokumenti numri minn 1 sa 17 konsekuttivament u inklusivament;**

**Bl-imghax legali mill-iskadenza ta’ kull kambjala li sat-18 ta’ Gunju tas-sena 2003 jammontaw ghall-mija u tlieta u sebghin Liri Maltin (LM173), oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-konsult legali sitt Liri Maltin (LM6.00) kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fis-7 ta’ Ottubru tas-sena 2003 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------